**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**-vs-**

**Salah Rajab Bashir Elbourawi detentur tal-Karta tal-Identità 0590312L.**

***Kumpilazzjoni Nru. 699/2020***

Illum: 23 ta' April, 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Salah Rajab Bashir Elbourawi** u ċioè talli:

Nhar is-16 ta' Diċembru 2020 u fil-ġranet, fil-ġimgħat u fix-xhur ta' qabel f'diversi ħinijiet ġewwa Ħal-Għaxaq u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulha b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ġab ruħu b'mod li taha fastidju lil bintu minuri ta' sbatax il-sena Rubine Salah El Burawi, detentriċi tal-karta tal-identità numru 0107503L, imwielda fl-14 ta' Marzu 2003, u/jew ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju għall-istess bintu minuri Rubine Salah El Burawi, liema reat twettaq ripetutament;
2. Ikkaġuna lill-bintu ta' sbatax il-sena Rubine Salah El Burawi, detentriċi tal-karta tal-identità numru 0107503L, imwielda fl-14 ta' Marzu 2003, biża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna

jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha, liema reat twettaq ripetutament;

3. Uża vjolenza inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel tagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli tagħmel xi ħaġa , jew sabiex inaqqas l-abbiltajiet jew jiżola jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-detriment ta' bintu minuri ta' sbatax il-sena Rubine Salah El Burawi, detentriċi tal-karta tal-identità numru 0107503L imwielda fl-14 ta' Marzu 2003, u dana meta kien qed ikun tali fil-presenza ta' l-imsemmija minuri u waqt li kien qed jgħix magħhom.

U aktar talli fis-16 ta' Diċembru 2020 ġewwa Ħal Għaxaq

4. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' bintu minuri ta' sbatax il-sena Rubine Salah El Burawi, detentriċi tal-karta tal-identità numru 0107503L imwielda fl-14 ta' Marzu 2003, f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe offiża ta' natura ħafifa fuq l-istess bintu Rubine Salah El Burawi, hekk kif iċċertifikaha Dr. Damien Calleja Stafrace (MD:3800) miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal il-Gdid;
5. Ħebb għall-bintu minuri ta' sbatax il-sena Rubine Salah El Burawi, detentriċi tal-karta tal-identità numru 0107503L imwielda fl-14 ta' Marzu 2003, sabiex jiġurjaha, iddejjaqha jew jagħmilha ħsara kemm il-darba l-fatt ma waqax taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 Liġijiet ta' Malta;
6. Għamel lil bintu minuri ta' sbatax il-sena Rubine Salah El Burawi, detentriċi tal-karta tal-identità numru 0107503L imwielda fl-14 ta' Marzu 2003 inġurji jew theddid mhux imsemmijin band 'oħra fil-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 Liġijiet ta' Malta, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
7. Għad li kellu l-jedd li jwiddeb lill-bintu minuri ta' sbatax il-sena Rubine Salah El Burawi, detentriċi tal-karta tal-identità numru 0107503L imwielda fl-14 ta' Marzu 2003, ħareġ barra mill-qies.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fit-13 ta' Marzu, 2024.

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Illi matul is-seduta tat-23 ta' April, 2024, xehdet l-allegata vittma li bil-ġurament tagħha quddiem din il-Qorti xehdet li riedet twaqqaf il-proċeduri fil-konfront

tal-imputat. Minkejja li l-Qorti wissietha li ma setgħet timponi l-ebda trażżin fuq l-imputat kemm il-darba ma jkunx hemm sejbien ta' ħtija l-kwerelanta kienet determinata li ma tixhidx peress li llum il-ġurnata qed tgħix ħajja ġdida fejn ir-relazzjoni ma missierha qed terġa tinbena mill-ġdid.

Rat l-artikolu 545 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi:

> **545.** (1) Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa ħlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', f'kull żmien sa ma tingħata s-sentenza finali, jirrinunzja għall-kwerela li huwa jkun ġa għamel.

Illi fin-nuqqas tax-xiehda tal-kwerelanta r-raba, l-ħames u s-sitt imputazzjoni ma jistgħux jiġu soddisfaċentement ippruvati.

Fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-oħra, ġie kunsidrat l-artikolu 543(f) tal-Kodiċi Kriminali. Meqjusa ċ-ċirkostanzi tal-każ u senjatament l-aħjar interessi tal-kwerelanta, il-Qorti qed tilqa t-talba tagħha biex twaqqaf il-proċeduri kontra l-imputat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull ħtija w piena.

Tordna li l-ismijiet tal-imputat kif ukoll tal-allegata vittma ma jixxandrux fuq mezzi soċjali.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**